

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament dwar l-eu-LISA

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD
www.edps.europa.eu)*

(2017/C 386/06)

Mit-twaqqif tagħha fl-2011, l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA") ġiet fdata b'mod gradwali bit-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-Eurodac. Wara erba' snin ta' operat il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ġenerali. Bħala riżultat, fid-29 ta' Ġunju 2017 ġiet ippreżentata l-Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Din il-Proposta għandha l-għan ewlieni li tafda lill-eu-LISA: (i) bit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u futuri fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, (ii) bl-iżvilupp ta' ċerti aspetti tal-interoperabbiltà ta' dawn is-sistemi, (iii) bit-twettiq ta' attivitajiet ta' riċerka u proġetti pilota u (iv) bl-iżvilupp, bit-tmexxija u bl-ospitar ta' sistema komuni tal-IT għal grupp ta' Stati Membri li fuq bażi volontarja jagħżlu soluzzjoni ċentralizzata fl-implimentazzjoni ta' aspetti tekniċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar sistemi deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Il-proposta tal-eu-LISA hi parti minn proċess usa' biex titjieb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u s-sigurtà interna fl-Unjoni Ewropea bl-għan li tingħata risposta lil sfidi speċifiċi ta' sigurtà. Diversi proposti leġiżlativi dwar sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-fatt bħalissa jinsabu f'negozjati mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill (is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, il-Eurodac, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi). Dawn il-proposti leġiżlattivi jafdaw lill-eu-LISA bit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira msemmija hawn fuq.

Il-KEPD, anki fil-kapaċità tiegħu bħala l-awtorità superviżorja tal-eu-LISA, jirrakkomanda li l-Proposta tal-eu-LISA tiġi akkumpanjata b'valutazzjoni tal-impatt dettaljata tad-dritt għall-privatezza u tad-dritt għall-protezzjoni tad-data li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Il-KEPD jfakkar ukoll li bħalissa ma hemm l-ebda qafas legali għall-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE. Għalhekk, l-eu-LISA tista' tiżviluppa l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni biss jekk jiġi adottat tali qafas legali.

Finalment, il-KEPD għandu tħassib rigward il-possibbiltà li l-eu-LISA tista' tiżviluppa u tospita soluzzjoni ċentralizzata komuni għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li, fil-prinċipju, huma deċentralizzati. L-arkitettura ta' kull sistema tal-IT fuq skala kbira tal-UE hi definita b'mod ċar f'bażi legali speċifika u ma tistax tinbidel bi ftehim ta' delega bejn l-eu-LISA u grupp ta' Stati Membri. Kwalunkwe bidla għall-arkitettura ta' sistema tista' ssir biss billi tinbidel il-bażi leġiżlattiva xierqa, li tiġi wara valutazzjoni tal-impatt u studji tal-fattibbiltà.

1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. L-Aġenzija Ewropea inkarigata mit-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (minn hawn 'il quddiem "eu-LISA") għet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Ir-Regolament jafda lill-eu-LISA bit-tmexxija operattiva fil-livell ċentrali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (minn hawn 'il quddiem "SIS II")⁽²⁾ u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (minn hawn 'il quddiem "VIS")⁽³⁾. Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 għe emendat bir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾, li afda lill-eu-LISA bit-tmexxija tal-Eurodac ukoll.
2. Fl-2016, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni⁽⁵⁾ tal-eu-LISA erba' snin wara li bdiet topera. Bħala riżultat, għet identifikata l-ħtieġa li tittejjeb l-effettività u l-effiċjenza tal-funzjonament tal-eu-LISA. F'dan il-kuntest, fid-29 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni ħarġet Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja⁽⁶⁾, (minn hawn 'il quddiem "Proposta tal-eu-LISA").
3. Barra minn hekk, mill-2016 il-Kummissjoni bdiet riflessjoni usa' dwar kif tagħmel il-ġestjoni u l-użu tad-data, kemm għal skopijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll għal skopijiet ta' sigurtà, aktar effettivi u effiċjenti. Bħala riżultat, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà⁽⁷⁾, u r-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabilità⁽⁸⁾ kif ukoll is-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina⁽⁹⁾ bi proposti dwar kompiti ġodda u bħala konsegwenza mandat għid għall-eu-LISA.
4. Il-KEPD għe kkonsultat b'mod informali qabel il-pubblikazzjoni tal-Proposta tal-eu-LISA u pprovda kummenti informali lill-Kummissjoni, li tqiesu biss b'mod parzjali.
5. L-għan tal-Proposta tal-eu-LISA hu li testendi l-mandat tal-Aġenzija billi:
 - tippermetti t-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u futuri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;
 - tiżgura l-kwalità tad-data fis-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira li jitmexxew mill-eu-LISA;
 - tiżviluppa l-azzjonijiet meħtieġa biex tippermetti l-interoperabbiltà tas-sistemi;
 - twettaq attivitajiet ta' riċerka għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;
 - twettaq proġetti pilota, prova tal-kunċetti u attivitajiet ta' ttestjar;

⁽¹⁾ ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

⁽⁵⁾ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), COM(2017) 346 tad-29 ta' Ġunju 2017.

⁽⁶⁾ Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 COM(2017) 352 final tad-29 ta' Ġunju 2017.

⁽⁷⁾ COM(2016) 205 final tas-6 ta' April 2016.

⁽⁸⁾ <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1>

⁽⁹⁾ COM(2017) 261 final tas-16 ta' Mejju 2017.

- tagħti appoġġ u pariri lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar il-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistema ċentrali;
 - tiżviluppa, tmexxi u tospita sistema komuni tal-IT għal grupp ta' Stati Membri li fuq bażi volontarja jagħżlu soluzzjoni ċentralizzata fl-implimentazzjoni ta' aspetti tekniċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar sistemi deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
6. Il-KEPD l-ewwel ser jindirizza r-rakkomandazzjonijiet ewlenin li jirrigwardaw il-proposta tal-eu-LISA. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin jirrappreżentaw il-kwistjonijiet ewlenin osservati mill-KEPD u li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe każ fil-proċess leġiżlattiv. Rakkomandazzjonijiet oħrajn huma l-punti identifikati mill-KEPD li jeħtieġu kjarifiki, informazzjoni addizzjonali, jew emendi żgħar. Din id-distinzjoni għandha tgħin lil-leġiżlatur jagħti prijorità lill-kwistjonijiet ewlenin indirizzati minn din l-Opinjoni.

4. KONKLUŻJONI

23. Wara li analizza bir-reqqa l-Proposta tal-eu-LISA, il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- li twettaq jew tagħmel disponibbli valutazzjoni tal-impatt dettaljata biex jiġi vvalutat l-impatt tal-Proposta tal-eu-LISA fuq id-drittijiet fundamentali, speċjalment fir-referenza għall-konċentrazzjoni tas-sistemi kollha fuq skala kbira tal-UE f'aġenzija waħda u filwaqt li jitqies il-kuntest legali usa', inkluż proposti leġiżlattivi li jinsabu għaddejjin li jirrigwardaw sistemi tal-IT fuq skala kbira;
- li tħassar referenzi attwali li huma relatati mal-interoperabbiltà fil-Proposta tal-eu-LISA;
- li tħassar id-dispożizzjoni li tippermetti l-bidla tal-arkitettura tas-sistema abbażi tal-ftehim ta' delega bejn l-eu-LISA u grupp ta' Stati Membri.

24. Flimkien mat-tħassib ewleni identifikat iktar 'il fuq, ir-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD f'din l-Opinjoni huma relatati mal-aspetti li ġejjin tal-Proposta tal-eu-LISA:

- statistika ġġenerata mis-sistema;
- monitoraġġ intern;
- Ġestjoni tar-Riskju għas-Sigurtà tal-Informazzjoni
- rwoli tal-KEPD u tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

25. Il-KEPD jibqa' disponibbli sabiex jipprovdi iktar pariri dwar il-Proposta tal-eu-LISA, anki b'rabta ma' kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni adottat skont ir-Regolament propost, li jista' jħalli impatt fuq l-ipproċessar ta' data personali.

Brussell, id-9 ta' Ottubru 2017.

Giovanni BUTTARELLI

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data